## Ulied il-Gudja li għamlu isem

# MONSINJUR PAWLU MALLIA

## b'tifkira mill-mija u ħamsa u għoxrin sena minn twelidu {1872 - 1946}

*minn Loreto J. Dalli (Mosta)*

Jien dejjem ħabbejt raħal twelidi u minn ċkuniti ħassejt dik il-ġibda li tista' toħroġ nies li jagħmlu isem, b'mod speċjali nies li kitbu isimhom fl-istorja f'xi rokna tal-gżejjer Maltin. Fost dawn hemm Dun Pawlu Mallia, li laħaq Arċipriet tal-Mosta, fejn għamel isem għalih u għal raħal twelidu għall-mod kif tella' l-preparazzjonijiet tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali ta' l-1913 b'ħila u abbiltà kbira.

Meta morna biex infittxu ċ-ċertifikat tat-twelid fir-reġistru tal-parroċċa sibna dan li ġej:

> **Mallia Paulus, Jacobus, Laurentis. 15 ta' Novembru 1872**
>
> Il-Kappillan Dun Fidiel Zammit għammed taħt kundizzjoni t-tarbija Pawlu Ġakbu Lawrenz li twieled il-bieraħ (14 ta' Novembru 1872) minn Wiġi Mallia u Maria Dalli magħqudin fiż-żwieġ. Franġisku Barbara, bin Ġakbu, u Liberata, martu, it-tnejn minn dan ir-raħal, kienu l-parrinijiet.

Minn hawn wieħed jista' jinnota li wħud mill-ismijiet imsemmija hawn fuq għadhom iduru fl-istess familja sa dawn l-aħħar żminijiet.

Huwa studja fis-seminarju ta' l-Imdina fejn wera ċertu abbiltà, fosthom li jwassal il-messaġġ ta' Kristu b'mod sempliċi. Dan urieh aktar tard bħala kappillan waqt il-priedki tiegħu.

Il-W.R.D. Pawl Mallia, Gudjan, inħatar Arċipriet tal-Mosta minn Mons. Isqof Pace. Ħa l-pussess fil-11 ta'Ġunju, 1907, jiġifieri disgħin sena ilu. Fl-ewwel Ħadd ta' Jannar 1909 għamel il-paniġierku ta' l-ewwel quddiesa solenni ta' Dun Edgar Salomone, dak is-saċerdot l-ieħor tant venerat mill-Mostin u l-Imġarrin.

Fil-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali (1913), li sar f'Malta meta l-Kardinal Domenico Ferrata mar fir-Rotunda tal-Mosta, il-knisja tal-Kungress Ewkaristiku, l-ewwel ma żar kien l-Arċipriet tar-raħal, Dun Pawl Mallia, li snin wara laħaq Monsinjur tal-Katidral. Għand l-Arċipriet Mallia l-Kardinal Legat iltaqa' mal-Kardinali Nava u Lualdi, ħafna isqfijiet u l-membri tal-kumitat tar-raħal.

Fi żmien l-Arċipriet Dun Pawl Mallia twaqqfet il-Konfraternità ta' San Vinċenz. Kien propju fl-aħħar jum tat-Tridu ta' l-Assunta, 13 ta' Awissu, 1919.

Meta tbierket l-ewwel ġebla tal-knisja tas-Sagra Familja fil-Bidnija, Dun Pawl Mallia għamel diskors ta' l-okkażjoni. Fakkar fid-devozzjoni li l-Papa Piju IX kellu lejn is-Sagra Familja u qal li, kieku hu kien għadu ħaj, kien jifraħ għax dejjem xtaq li f'kull dar ikun hemm kwadru bix-xbieha tas-Sagra Familja.

Wara treġija ta' madwar 22 sena, fit-13 ta' Diċembru 1929, ġietu l-aħbar li laħaq Kanonku Kapitolari. Ħalla għal kollox il-parroċċa fid-9 ta' Frar 1930 u ħa l-pussess fil-Katidral sitt ijiem wara. Din hi traduzzjoni ta' l-ittra li l-kleru Mosti għoġbu jindirizzalu għal din l-okkażjoni:

MOSTA
2 ta' Frar 1930

Lir-Reverendissimu Monsinjur Kanonku Kappillan Pawlu Mallia

b'sinjal ta' stima u rikonoxxenza l-kleru tal-Mosta jagħti.

Reverendissmu Monsinjur,

F'dan l-aħħar jum li inti għandek tibqa' fostna, inħossu d-dmir tagħna li nesprimu l-gratitudni tagħna kif ukoll l-istima u rikonoxxenza li aħna dejjem kellna lejn il-persuna tant għażiża tiegħek.

Jekk min-naħa l-waħda, aħna ferħanin bl-unur li l-Q.T. il-Papa Piju XI għoġbu jżejjen il-persuna tiegħek, unur li inti mmeritajt għall-virtujiet rari, għall-għerf u l-prudenza li bihom int mexxejt il-merħla fdata lilek mill-Papa għal tlieta u għoxrin sena, min-naħa l-oħra nħossuna mnikkta għax fil-persuna tiegħek qegħdin nitilfu l-ħabib, l-għalliem u l-missier.

B'liema ħerqa ta' mħabba kont iġġib ruħek magħna fiċ-ċirkustanzi diversi ta' ferħ jew ta' niket li bihom il-Mulej għoġbu jżurna? Liema suġġerimenti għaqlin u favorevoli u twissijiet fil-problemi diversi li kienu jfixkluna fil-karriera tagħna? Liema lezzjonijiet ta' għerf fil-problemi teoloġiċi tagħna ma tajtuniex? U llum il-ġurnata li fiha r-raħal qed jibki l-ġawhra li qed jitlef, propju waqt li qed tħallina, mument maħbub u fl-istess ħin ta' niket, ippermettielna noffrulek dan ir-rigal żgħir li ma jħalli la liż-żmien u lanqas il-bogħod inessik il-ħbiberija sinċiera tagħna.

Verament li r-rigal hu żgħir imma jheġġeġ bl-imħabba u bir-rikonoxxenza lill-qalb tal-kleru tiegħek li qed joffruh. Din hi l-aħħar stqarrija li aħna hawn taħt iffirmati qegħdin nagħmlu sinċerament filwaqt li nitolbu l-benedizzjoni tiegħek.

*(Hemm firma ta' sitta u għoxrin saċerdot u suddjaknu).*

Mur għid lill-Arċipriet Mons. Dun Pawl Mallia li tant snin wara kellu jiġi suċċessur tal-Papa Piju X fiċ-ċentru tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali, ċentru li dan il-Papa qaddis ta' l-Ewkaristija xtaq iżur personalment u ma setax! U min kien responsabbli, ma nafux min, lil dak is-suċċessur mank biss ma waqqfu ħalli jżur it-tempju ta' tant tifkiriet sbieħ u ċelesti. Band'oħra hekk jagħmlu. X'għafsa ta' qalb kienet taqbdek Mons. Pawl Mallia! Ta' lanqas ma sofrejtx dik ix-xena miskina bħalma sofrew il-Mostin.

Huwa miet fis-6 ta' Frar ta' l-1946 fl-età ta' tlieta u sebgħin sena mdawwar mill-familjari tiegħu. Dun Pawl Mallia jinsab midfun fil-kattidral ta' l-Imdina fuq in-naħa tal-lemin mid-dħul tal-bieb prinċipali fejn hemm lapida li tindika u tfakkar lil dan il-Monsinjur Gudjan.

Mons. Dun Pawl Mallia kien Arċipriet maħbub u rispettat ferm fil-Mosta. Barra milli ismu jibqa' marbut ma' l-ikbar ġrajja reliġjuża Maltija tas-seklu għoxrin, jiġifieri mal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali (1913), għax kien fil-Mosta, fejn hu kien ragħaj, li saru l-laqgħat u l-adorazzjonijiet ta' dik il-ġrajja kbira, il-Mostin għadhom jgħidu sa llum xi bniedem kien. Kien iddotat bi kwalitajiet li jagħmlu minnu ragħaj maħbub mill-merħla tiegħu. Parir kien jaf jagħtih u kien jgħin mill-aħjar li jista'. Mexxa mingħajr skossi u fl-għożża lill-Mostin.

Francesco Mangion fi ***Storja tal-Mosta ta' E.B. Vella u Oħrajn*** isejjaħ lill-Monsinjur Mallia bħala l-"Arċipriet tat-Tfal". Din id-deskrizzjoni tixraqlu tassew meta wieħed iqis li l-opra ta' l-oratorju nbdiet minn saċerdoti Mostin fi żmienu u hu għenhom. Infatti l-Arċipriet Mallia waqqaf kumitat ta' qassisin u sekulari biex jieħdu ħsieb it-twaqqif ta' l-oratorju. Hu maħsub li kien fil-11 ta' Novembru 1928 li tqiegħdet l-ewwel ġebla ta' dan l-oratorju. Ċertament li din l-opra kbira taf il-bidu tagħha lill-parrokkat ta' Dun Pawl Mallia. Kien fi żmienu wkoll li l-oratorju twaqqaf bħala istituzzjoni fil-Mosta; imbagħad għaddew is-snin u lejn l-aħħar snin tal-parrokat ta' Dun Pawl nbeda l-bini ta' l-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Meta tnax-il sena wara lejlet il-gwerra, tbierek dan l-oratorju, jiġifieri l-Ħadd, 9 ta' Ġunju 1940, Mons. Dun Pawl Mallia ċċelebra quddiesa solenni fih u kien assistit minn Dun Edgar Salomone u Dun Karm Sciberras, ex-Direttur u Direttur rispettivament.

Ta' spiss Dun Pawl Mallia kien iħobb itenni "Il-Mosta ġnien" għax kellu fiduċja kbira fil-parruċċani tiegħu.

Nixtieq nappella biex dan il-wild Gudjan jiġi mfakkar f'raħal twelidu. Il-Kunsill Lokali tal-Gudja jista' jsemmi triq għalih bħala turija ta' rispett għall-ġieħ li għamel lil raħal twelidu.

**Referenzi**

Reġistru Parrokkjali Santa Marija Gudja, fol. V p.148.

Familjari P. Mallia, Mrs Grech, Mosta.

Anthony Camilleri, Mosta.

Francesco Mangion, *Storja tal-Mosta ta' E.B. Vella u Oħrajn*, p.290.

Dun Pawl Buhagiar, *Il-Mosta*, Nru 85, p.10.